1 ta' Frar, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Galea et versus Edgar Preca et.

**Użufrutt — Beni Konsumabili — Kważi-Użufrutt — Art. 365 u 368 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materjal kemm fil-għamla; u jista' jiġi kostitwit fuq kwalunkwe speċi ta' beni. Imma skond ir-rigur tal-prinċipji, għandhom jiġu eċċettwati l-beni konsumabili; għax l-użufruttwarju għandu jikkonserva s-sustanza tal-ħaġa biex jirrestitwiha lill-proprjetarju meta jispiċċa l-użufrutt, u huwa impossibbli li wieħed igawdi dawn il-beni, billi jikkonserva s-sustanza tagħhom, meta dawn il-beni ma jistgħux jiġu gawduti mingħajr ma jiġu konsumati.*

*Imma l-liġi tirrikonoxxi wkoll il-Kważi-Użufrutt, billi tiddisponi illi jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkonsumahom, huwa għandu l-jedd jinqeda bihom, bl-obligu li jħallas kemm jiswew fuq stima li ssir tagħhom fil-bidu tal-użufrutt; u fin-nuqqas ta' din l-istima, huwa jista' jagħżel, jew li jrodd ħwejjeġ fl-istess kwantità u ta' l-istess kwalità, inkella li jħallas is-siwi tagħhom bil-prezz li jkun miexi fiż-żmien li jispiċċa l-użufrutt.*

*Dan il-kważi-użufrutt japplika, bla dubju, għal dawk l-oġġetti li huma fungibili u konsumabili, u mhux ukoll għal dawk li huma fungibili u fl-istess ħin inkonsumabili. Imma japplika wkoll għall-oġġetti fungibili u per sè inkonsumabili, meta (1) jew wieħed ma jistax jagħmel użu minnhom mingħajr ma jiddisponi minnhom, u (2) meta, skond l-intenzjoni ta' min ħalli oġġetti simili b'użufrutt, ikun irid jew jista' jiġi dispost minnhom mill-użufruttwarju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi fl-ewwel ta' April 1921 miet Giorgio Preca Mizzi (dok. A), axxendent komuni tal-kontendenti, u fil-11 ta' Mejju 1948 (dok. B) mietet martu Eleonora Preca Mizzi, omm il-konvenuti Edgardo Preca u Giuseppina Coleiro; u illi

b'testment "unica charta" (dok. C) l-istess Giorgio u Eleonora Preca Mizzi ħallew lil xulxin l-użufrutt ġenerali ta' l-assi tagħhom, u l-istess Giorgio Preca Mizzi innomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Francesco, Adelaide, Edgardo u Giuseppina, kull wieħed jew waħda minnhom f'żewġ noni (2/9) ta' l-assi ereditarju tiegħu, u f'parti waħda minn disgħa (1/9) in użufrutt lil bintu Virginia, ommhom, li mietet fid-29 ta' Ġunju 1930 (dok. D), u lilhom stess in pjena proprjetà wara mewtha, fi kwoti ugwali; u illi l-istess Adelaide bintu, illum mejta, ħalliet bħala eredi tagħha lill-konvenuti Antonio Cachia, Vincenzo Cachia, Mary mart Vincent Pandolfino, Carmela mart Carmelo Azzopardi, u Giuseppina mart Attilio Milazzo; u illi huma ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti; talbu illi, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, jiġi, okkorrendo anki per mezz ta' periti, (1) likwidat l-assi soċjali konjugali ta' l-imsemmija Giorgio u Eleonora Preca Mizzi, billi l-istess assi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-beni immobili, mobili u effetti oħra li jirriżultaw matul il-kawża; (2) likwidat l-assi partikulari ta' l-istess Giorgio Preca Mizzi, billi jiġi dikjarat jikkonsisti sija fin-nofs l-assi konjugali likwidabili skond id-domanda preċedenti, u sija fil-beni immobili, mobili u l-effetti l-oħra kollha li jirriżultaw matul il-kawża; (3) u l-istess assi partikulari ta' l-istess Giorgio Preca Mizzi, hekk likwidat, jiġi maqsum skond id-dispożizzjonijiet tat-testment fuq imsemmi, kwantu għal nona parti (1/9) fi kwota ugwali bejniethom, u kwantu għal żewġ noni (2/9) kull wieħed lill-konvenuti Francesco Preca, Edgardo Preca, Giuseppina Coleiro, u lill-werrieta ta' Adelajde Cachia rispettivament; (4) jiġi nominat nutar biex jippubblika l-kuntratt tal-likwidazzjoni u diviżjoni fuq imsemmija, fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi għall-kontumaċi. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 1950. Il-konvenuti ġew ingunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kors tas-seduti quddiem il-perit legali ġiet sollevata l-kwistjoni jekk l-oġġetti eżistenti fl-istabbiliment ta' oreficerija li Giorgio Preca Mizzi ħalla lil martu Eleonora b'titolu ta' użufrutt għandhomx jiġu restitwiti mill-eredi tagħha permezz ta' kwantità ugwali ta' oġġetti bħal dawk li kien hemm fil-bidu ta' l-użufrutt, jew inkella l-valur tagħhom skond l-inventarju li sar allura. Il-perit legali, għar-raġunijiet minnu sottomessi fir-relazzjoni preliminari tiegħu, wasal għall-konklużjoni illi r-restituzzjoni mill-eredi ta' Eleonora Preca Mizzi, relativa għall-użufrutt tagħha ta' l-oġġetti ta' l-istabbiliment ta' oreficerija, għandha ssir in bażi għall-valur tagħhom skond l-istima li saret fil-bidu ta' l-użufrutt;

Illi l-fatti rilevanti għal din il-kwistjoni huma dawn. Fit-30 ta' Marzu 1916, Giorgio u Eleonora miżżewġin Preca Mizzi għamlu testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri. Skond l-art. 4 ta' dan it-testment, Giorgio Preca Mizzi ħalla lil martu Eleonora l-użufrutt universali ta' ħwejġu, mobili u immobili, ta' kwalunkwe xorta u natura, mingħajr ebda eċċezzjoni, bl-eżenzjoni mill-obbligu ta' l-inventarju u tal-kawzjoni preskritti mil-liġi, imma ma eżentahiex illi tagħmel l-inventarju ta' l-oġġetti kollha ta' oreficerija, ħaġar prezzjuż u arġenterija ta' pertinenza tiegħu li kellhom ikunu jeżistu fil-jum tal-mewt tiegħu, tant fin-negozju kemm fid-dar tiegħu ta' l-abitazzjoni—ta' liema oġġetti ta' oreficerija, ħaġar prezzjuż u arġenterija, għalkemm kompriżi f'dak l-użufrutt, hija kellha l-obbligu li tagħmel l-inventarju. F'dan l-inventarju kellhom jiġu kompriżi wkoll l-oġġetti prezzjużi li l-istess Eleonora Preca Mizzi u Giuseppina, tifla komuni tagħha u ta' żewġha, kellu jkollhom għandhom bħala użu proprju, imma dan l-użu ma setax jiġi meħud lilhom. Fl-artikolu ħamsa ta' l-istess testment, l-imsemmi Giorgio Preca Mizzi ta d-dritt lil martu Eleonora, fil-każ li kellu jmut qabilha, li tkompli n-negozju ta' oreficerija bl-assistenza tat-tfal komuni Francesco u Edgardo aħwa Preca. Fit-18 ta' Marzu 1921 (dok. A fol. 4), miet l-imsemmi Giorgio Preca Mizzi, u fl-istess sena martu Eleonora, bħala użufruttwarja universali tiegħu, għamlet l-istima rikjesta mill-artikolu erbgħa tat-testment "unica charta" già msemmi (fol. 59-63 tal-proċess). Hija kompliet l-eżerċizzju tan-negozju ta' oreficerija bl-assistenza ta' l-imsem-

mijjin uliedha, u mietet fit-23 ta' April 1948 (dok. B fol. 5);

*Ikkunsidrat;*

Illi, bħal ma ssottometta l-perit legali, għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni fuq imsemmija hu importanti li tiġi fissata u stabbilita x-xorta ġuridika ta' l-oġġetti li Giorgio Preca Mizzi ħalla lil martu Eleonora b'titolu ta' użufrutt, u li tagħhom din għamlet l-inventarju;

Hu magħruf illi l-beni mobili jistgħu jkunu, fost ħwejjeġ oħra, "fungibili", "quarum una alterius vice fungitur", jew dawk li skond l-intenzjoni tal-partijiet jistgħu jiġu eżattament u *identikament sostitwiti minn oħrajn simili*, u "infungibili", jew dawk li skond l-istess intenzjoni huma kunsidrati għalihom stess, u ma jistgħux jiġu sostitwiti minn oħrajn ta' l-istess natura; kif ukoll "konsumabili", "quarum usus in abusu constitit", jew dawk li jiġu kkunsmati ma' l-ewwel użu li jsir minnhom, u jistgħu jkunu tali tant naturalment, bħal likuri u l-oġġetti kollha ta' konsum, kemm ċivilment, bħal flus, u "inkonsumabili", jew dawk li jirreżistu għall-użu ftit jew wisq prolungat, bħal ma hi libsa;

*L-użufrutt hu l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li* **tagħhom ħadd ieħor għandu l-proprjetà**, bl-obligu li jżomm is-**sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla (art. 365 Kod. Ċiv.). L-użufrutt jista' jiġi stabbilit fuq kwalunkwe speċi ta' beni; imma skond ir-rigur tal-prinċipji għandhom jiġu eċċettwati l-beni konsumabili, billi d-definizzjoni stess ta' użufrutt mogħtija mill-Kodiċi, fuq imsemmija, u li tixbah lil dik mogħtija minn Ġustinjanu fl-Istituzzjonijiet tiegħu (L. 1 Dig. VII, 1) — "Jus alienis rebus utendi fruendi, salva rerum sub-***stantia*" — **tipprova** illi l-użufrutt ma jistax jivversa fuq beni li jikkunsmaw ruħhom neċessarjament bil-godiment;

Tabilħaqq, l-użufruttwarju għandu jikkonserva s-sustanza tal-ħaġa, biex jirrestitwiha lill-proprjetarju meta jispiċċa l-użufrutt; u għalhekk jidher illi l-użufrutt mhux applikabili għall-beni konsumabili, "quae ipso usu consumuntur vel minuuntur", billi huwa impossibili li wieħed igawdi dawn il-beni billi jikkonserva s-sustanza tagħhom, għaliex ma jistgħux jiġu gawduti mingħajr ma jiġu konsumati. L-impossibilità ta' *kostituzzjoni ta' użufrutt* fuq beni konsumabili bl-użu kienet

tirreka inkonvenjenti serji; u għalhekk, b'"senatus consultus" ta' l-ewwel żminijiet ta' l-Imperu Ruman, ġie statwit illi kien jista' jkun hemm użufrutt tal-beni kollha komponenti l-patrimonju ta' dak li jkun, tant konsumabili kemm mhux konsumabili: "quo senatus consulto inductum videtur ut earum rerum quae usu tolluntur vel minuuntur possit usufructus legari". Imma billi l-awtorità tas-Senat ma setgħetx tbiddel in-natura tal-beni, lill-użufrutt tal-beni konsumabili ngħata l-isem 'Qważi-Użufrutt'. "Quo senatus consulto", jikteb Gaius (L. 2, para. 1, Dig. VII, 5), "non id effectum est ut paecuniae usufructus esset (nec enim *naturalis ratio auctoritate senatus* commutari potuit) sed remedio introducto coepit quasi usufructus haberi";

Bħal kodiċijiet oħra, il-Kodiċi Patriju jirrikonoxxi dan il-*kważi-użufrutt*, billi fl-art. 366 tal-*Kap*. 23 *jiddisponi illi*, jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom, bħal flus, qmuħ, jew xorb, l-użufruttwarju *għandu jedd jinqeda bihom*, bl-obligu li jħallas kemm jiswew fuq stima li ssir tagħhom fil-bidu ta' l-użufrutt; fin-nuqqas ta' din l-istima, huwa jista' jagħżel jew li jrodd ħwejjeġ fl-istess kwantità u ta' l-istess kwalità, inkella li jħallas is-siwi tagħhom bil-prezz li jkun miexi fiż-żmien li jispiċċa l-użufrutt;

Illi ma hemmx dubju illi d-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, relativa għall-kważi-użufrutt, hi applikabili għal dawk l-oġġetti *li huma* funġibili u konsumabili, u f'każ bħal dan is-sostituzzjoni għandha ssir fuq il-valur skond l-istima fil-bidu ta' l-użufrutt, u mhux ukoll għal dawk li, għalkemm ikunu funġibili, fl-istess ħin ikunu inkonsumabili. Però, fil-fehma ta' din il-Qorti, dik id-dispożizzjoni tal-liġi tapplika wkoll għal dawk l-oġġetti funġibili u "per se" inkonsumabili, meta (1) jew wieħed ma jistax jagħmel użu minnhom jekk ma jiddisponix minnhom, (2) *jew, skond l-intenzjoni ta' min iħalli* oġġetti simili b'użufrutt, l-istess oġġetti jkun irid jew jista' jiġi dispost minnhom mill-użufruttwarju. U fil-każ taħt eżami *jikkonkorru appuntu tant l-ewwel kemm it-tieni minn dawn*

iż-żewġ rekwiżiti. Tabilħaqq :—

1. Kif ġà ngħad, il-beni jistgħu jkunu konsumabili, tant naturalment jew fiżikament, kemm ċivilment jew ġuridikament. Eżempju tipiku tal-konsumabilità ġuridika, li tagħti l-istess liġi, hu dak tal-flus. U bħal flus, l-oġġetti ta' negozju għandhom jiġu kunsidrati ġuridikament konsumabili meta jiġu mħollija b'użufrutt, għar-raġuni li l-użufruttwarju ma jistax jużufruwihom jekk huwa ma jiddisponix minnhom. Biex wieħed jiddisponi mill-proprjetà ta' ħaġa hemm bżonn illi jkun proprjetarju; u appuntu dan hu l-karattru essenzjali tal-kważi-użufrutt, jiġifieri dak li l-użufruttwarju jkun il-proprjetarju tal-ħaġa, imma bl-obligu li meta jispiċċa l-użufrutt jirrestitwixxi, mhux dik il-ħaġa in natura, imma l-valur tagħha — salva dejjem l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' l-art. 366 tal-Kodiċi Ċivili ġà msemmija. Dawn il-prinċipji kienu minn dejjem rikonoxxuti (L. 2, para. 1, Dig. VII, 5; L. 2, 4, 6, 9, 10 u 11, Dig. VII, 5; Ricci, Diritto Civile, Vol. II, para. 124; u Noti ta' l-Imħallef Dr. Paolo Debono b'komment għall-art. 25 ta' l-Ordinanza nru. VII ta' l-1868, il-lum l-art. 366 tal-Kap. 23, fejn jingħad :— "Questo usufrutto è un vero diritto di proprietà rispetto gli oggetti particolari che vi si trovano compresi". Stabbilit illi dawn l-oġġetti, biex jiġu użufruwiti, għandhom jiġu neċessarjament aljenati, ma jistax ikun hemm dubju illi l-istess oġġetti ma jistgħux jiġu restitwiti in natura, għaliex ma jkunux jeżistu meta jispiċċa l-użufrutt, u konsegwentement ir-restituzzjoni għandha ssir fit-termini tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija;

2. Kif igħid il-Pacifici Mazzoni (Codice Civile Italiano Commentato, Vol. I, paġ. 391), hemm il-kważi-użufrutt ukoll "in riguardo ai mobili fungibili dei quali, cioè per intenzione delle parti, può, se non farsi consumo, disporsi". Fil-każ taħt eżami, l-intenzjoni tat-testatur Giorgio Preca Mizzi tidher manifesta f'dan is-sens, billi fl-art. 5 tat-testment fuq imsemmi huwa ta lil martu Eleonora d-dritt li tkompli l-eżerċizzju tan-negozju ta' oreficerija, u konsegwentement li tiddisponi mill-oġġetti li kien hemm f'dak in-negozju. Għalhekk hu ċar illi Eleonora Preca Mizzi kellha l-kważi-użufrutt ta' dawk l-oġġetti, li għalihom għandha tapplika d-dispożiz-

zjoni tal-liġi iżjed 'il fuq imsemmija;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenuti Antonio Cachia, Vincenzo Cachia, Carmela Azzopardi, Mary Pandolfino, u Vincenzo Pandolfino nomine, kif ukoll l-imsejħin fil-kawża, jissottomettu illi r-restituzzjoni għandha ssir in natura; u b'sostenn tas-sottomissjoni tagħhom jiċċitaw xi brani riportati mill-Volum IV, it-Tieni Parti, tad-Digesto Italiano. Imma s-sottomissjoni ta' dawn il-konvenuti mhix sostenibili. Huma jpoġġu bħala argument tas-sottomissjoni tagħhom l-allegazzjoni li l-oġġett ta' l-użufrutt ġa msemmi hu kostitwit mhux minn ħwejjeġ singoli, imma minn azjenda kummerċjali, jew aħjar is-sottomissjoni tagħhom hi bażata fuq l-ipotesi meta l-oġġett ta' l-użufrutt ikun "l'azienda commerciale nel suo complesso". Apparti kif għandha ssir ir-restituzzjoni f'każ bħal dan, huwa fatt li Giorgio Preca Mizzi ma ħalliex lil martu l-azjenda kummerċjali; imma fl-art. 4 tat-testment ġa msemmi ħallielha "tutti gli oggetti di oreficeria, pietre preziose, e argenteria di pertinenza del testatore (tiegħu), che esisteranno nel giorno della morte (tiegħu wkoll) tanto nei negozi.........."; u fl-art. 5 tad-istess testment taha d-dritt "di continuare il negozio di oreficeria". Issa, hemm bżonn li jinżammu distinti l-avvjament ta' negozju u l-merċi li jikkomponuh. "L'avviamento di un commercio o di una industria si comprende tra i beni mobili. Quindi sono mobili non solo le merci che si contengono in un negozio, ma il diritto eziandio di condurre il negozio stesso" (Cass. Torino, 25 agosto 1886). Is-sottomissjoni ta' l-imsemmijin konvenuti "ha il torto di confondere la azienda commerciale con le cose che comprende. Una azienda commerciale è una specie di universalità, 'nomen juris sicut haereditatis', e si compone di merci destinate ad essere vendute e sostituite da altri, e comprende anche la clientela.............." (Baudry - Lacantinerie, Dei Beni, para. 583). U kif irriteniet il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Torino fit-28 ta' Marzu 1885, in re Rebuzzi vs. Eulambra, "l'usufrutto costituito per testamento a favore di una persona sopra una azienda commerciale, resta sotto il nome di una determinata ditta, si vuol considerare come costituito separatamente sopra le

merci di cui è fornito il negozio, che sono di loro natura fungibili, e sopra l'avviamento commerciale derivante dal nome e dalla reputazione della ditta, che non è cosa fungibile........ Al cessare perciò dell'usufrutto per la morte dell'usufruttuario, gli eredi del testatore, riconcentrando in sè la proprietà piena, deggiono esercitare, nei riguardi delle merci, il diritto sancito dall'articolo 483 del Codice Civile (li huwa simili għall-art. 366 tal-Kodiċi Ċivili Malti), rientrando invece nella libera disposizione della ditta e dell'avviamento commerciale, salvo il diritto di indennità seguito dall'art. 484 qualora ve ne sia il caso'' (Fadda, La Giurisprudenza sul Codice Civile, voce ''cose quae usu consumuntur'', Vol. II, art. 483-484, no. 23, 24);

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk miġjuba mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu;

Tiddefinixxi l-inċident billi tiddikjara illi r-restituzzjoni mill-eredi ta' Eleonora Preca Mizzi, rigward l-użufrutt ta' l-oġġetti ta' l-istabbiliment ta' oreficerija mħolli lilha minn żewġha Giorgio Preca Mizzi bit-testment fuq imsemmi, għandha ssir in bażi għall-valur tagħhom skond l-istima li saret fil-bidu ta' l-użufrutt. L-ispejjeż ta' l-inċident, minħabba n-novità tal-kwistjoni, jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa, imma d-dritt tar-Reġistru jħallsuh il-konvenuti fuq imsemmijin u l-imsejħin fil-kawża. Tordna illi l-proċess jiġi rinvijat lill-perit legali biex ikompli l-inkarigu li ġie mogħti lilu u jippreżenta r-relazzjoni; għal liema skop il-kawża tibqa' mħollija għas-16 ta' Marzu 1954.